CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

It- Tlieta, 1 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.16pm.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

26.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġiji

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Ħamsa u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

26.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.3.1 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li fir-rigward xogħolijiet ta' installazzjoni ta' tlett cctv cameras b'fondi mill-Reġjun Tramuntana, dawn twaħħlu f'posthom mill-G4S. Huwa fakkar li l-modem u l-internet irid jitħallas mill-Kunsill.

26.3.2 Is- Sindku talab lis- SE jikteb lill-Għaqda Show of Arms biex issir laqgħa magħhom rigward l-uzu tal-Guards Room li tinsab fid-daħla tal-Mina tal- Griegi fejn irridu niddiskutu magħhom jekk hemx ħsieb aktar li tintuza din il-kamra mill-għaqda. Din il-kamra hija propjeta tal-Kunsill fejn għal dawn l-aħħar snin kienet ingħatat lilhom b'mod temporanju.

26.3.3 Is- Sindku qal li għadhom għaddejjin id-diskusjonijiet mal-Ministeru ta' l-Enerġija biex jiġu individwati postijiet għal installar ta' l-Electric Pillars ġewwa Malta. Ġie suġġerit li waħda tigi installata faċċata ta' l-uffiċċju tal-Kappillan fi Pjazza San Pawl u tnejn oħra barra. Fir-rigward l-installar ġewwa Pjazza San Pawl għaddejjin diskussjonijiet mas- Superintendenza tal-Wirt Storiku.

26.3.4 Is- Sindku qal li fir-rigward ix-xogħolijiet ta' pavimentar ġdid ġewwa L-Mdina minn-Infrastructure Malta dan għadu pendenti u nisperaw li fix-xhur li ġejjin jibdew ix-xogħolijiet.

26.3.5 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li t-tfittxija għal post alternattiv flok l-art fejn il-muzew li tagħha għandna devoluzjoni ta' *encroachment* mal-Lands għadu għaddej u mhux faċli li dan il-post jinstab.

26.3.6 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li Infrastructure Malta għadhom kif ħarġu sejħa ta' offerti għal dawl ġdid u illuminazzjoni tas- swar ta' L-Mdina.

26.3.7 Is- Sindku talab lill-Kunsill japprova ix-xiri ta' xi għoxrin għasrija u pjanta biex jinbidlu ma dawk li hemm ezistenti ġewwa l-Mdina għax kwazi spiccaw maz-zmien. Il-Kunsill approva.

26.3.8 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li bħalissa għaddej xogħol ta' manutenzjoni fuq il-kanuni li jinsabu ġewwa l-Mdina.

26.3.9 Is- Sindku talab lis- SE jikteb lid- Dipartiment ta' L-Artijijiet biex ixir manutenzjoni fuq il-bieben ta' l-imħazen li jinsabu fi Triq L-Imħazen.

26.3.10 Is- Sindku qal li dan l-aħħar qed ikollu ħafna talbiet minn kandidati prospettivi għal elezzjoni ġenerali biex isiru xi attivitajiiet fuq it- Tomba. Huwa kien qed jissuġerixxi li f'kaz ta' talbiet bħal dawn il-Kunsill għandu jikkunsidra din it-talba, pero' bil-kundizzjoni li kandidat ma jagħmilx aktar minn attivita waħda hemmhekk. Il-Kunsill approva.

**26.4 Aġġustamenti mill-awdituri tal-Gvern Lokali- Rapport Finanzjarju 2020- Approvazzjoni**

26.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2020 kif emendat wara li sar l-audit. Ngħatat spjegazzjoni fuq dawn l-aġġustamenti kif proponuti mill-Awdituri.

25.4.2 Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2020 kien propost għall- approvazzjoni mis- Sindku li kien issekondat mill- Viċi Sindku, is- Sur J. Debono. Ir-rapport ġie approvat unanimament u tmien' kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**26.5 Proposta għal tibdil fir-rati tal-permessi għad-dħul tal-vetturi ġewwa l-Mdina**

26.5.1 Is- Sindku rrefera għal Legislazzjoni Sussidjarja 65.27 li jirregola d-dħul għal vetturi ġewwa l-Mdina fejn Artiklu 4 jittratta l-ħlas ta' € 2.33 lil Kunsill biex jinħareg permess. Din il-ligi ilha fis-seħħ sa mill-2004 u r-rata sa min dak nhar qatt ma nbidlet. Huwa ħass il-ħtieġa li din ir-rata wara sbatax il-sena għandha tiġi riveduta u proposta lill- Gvern biex jikkunsidra.

26.5.2 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra (anness) ir-rati riveduti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

26.5.3 Il-Kunsill approva dawn ir-rati l-ġodda u ser jintbgħatu lill-Avukat tal-Kunsill biex jinbeda l-proċess li jintbghatu għal approvazzjoni tal-Parliament.

**26.6 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

26.6.1 ERA-Ittra minghand l-awtorita' fejn qed jitolbu li l-Kunsill jinstalla *recycling points* fil-lokalita. Il-Kunsill talab lis-SE jikteb lil Greenpak li huma l-kuntratturi tal-ġbir tal-borza riċiklabbli għal proposta ta'kollaborazzjoni magħhom.

26.6.2 Bolt Malta- Proposta biex jiġu ntrodotti electri scooters ġewwa l- Mdina. Il-Kunsill mhux interessat.

26.6.3 Talba minn resident biex il-kaptelli isirilhom xi manutenzjoni peress li qed jagħmlu ħoss meta jgħaddu l-karozzi minn fuqhom.

26.6.4 Regjun Tramuntana- Ir- reġjun ser ikun joffri lill kull Kunsill *Automatic External Defribillator* (AED).

26.6.5 AKL- Installazzjoni ta' Reverse Vending Machines. Il-Kunsill mhux interessat li dawn jiġu ntrodotti ġewwa l-Mdina.

26.6.6 DLG Cirkulari 3/2021- L-onorarja tas- Sindki u s- Sigurta Soċjali.

**26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

26.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-iskedi ta' ħlasijiet li jġibu id-dati tal- 1 ta' Ġunju 2021 (mehmuż) li jammonta għas-somma ta' € 9,692.32

26.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskedi ta' ħlasijet ser jiġu iffirmati miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**26.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

26.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.45pm u ġiet aġġornata għal 1 ta' Ġunju 2021 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 05-07-2021________